MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 958/2013

**Edmond Mugliette (ID Card No 661762M)**

***kontra***

**Direttur tal-Kumpanniji, u b`digriet tad-19 ta` Novembru 2013 l-isem tal-konvenut gie jaqra "Registratur tal-Kumpanniji"**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-7 ta` Ottubru 2013 li jaqra hekk–

*1. Illi l-kumpannija Better Homes Limited C 11070 giet inkorporata fis-sebgha u ghoxrin (27) ta` Ottubru, elf disa` mija u disgha u tmenin (1989) ;*
*2. Illi l-esponenti huwa d-direttur u l-azzjonarju tas-socjeta` Better Homes Limited (C 11070) liema socjeta` llum-il gurnata tinsab defunta a kawza tal-agir tal-intimati ;*

*3. Illi originarjament l-esponenti kien akkwista l-ishma tas-socjeta` Better Homes Limited, flimkien ma` martu Maria Theresa Mugliette, minghand Ronald Hunt u l-Magistrat Dr. Carol Peralta fl-ghoxrin (20) ta` Awwissu elfejn u tnejn (2002) ;*

*4. Illi sussegwentement l-assi tal-imsemmija Maria Theresa Mugliette gew trasferiti lil esponenti minghand martu permezz ta` kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Claire Camilleri datat tmintax (18) ta` Marzu elfejn u tlettax (2013) ;*

*5. Illi ghalkemm l-esponenti ssottometta d-dokumenti kollha necessarji sabiex jigi rregistrat it-trasferiment tal-ishma senjatament il-compliance documents, il-Form T, fit-tlieta (3) ta` Settembru elfejn u tnejn (2002) u thallset it-Taxxa fuq il-Qliegh Kapitali lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni hekk kif rikjest mil-ligi dana t-trasferiment tal-ishma ma giex irregistrat mill-intimati ;*

*6. Illi permezz ta` ittra datata hmistax (15) ta` Marzu elfejn u sitta (2006), erba` (4) snin wara r-registrazzjoni hawn fuq imsemmi, l-intimati nfurmaw lill-esponenti illi d-dokumenti ma setghux jigu rregistrati stante li kien hemm xi multi pendenti ;*

*7. Illi in vista ta` dawn il-fatti hawn fuq imsemmija u hekk kif ser jigi ppruvat ukoll fil-mori tal-kawza jidher car*

*illi l-esponenti kien ghamel diversi attentati sabiex jikkomunika mal-intimati sabiex tinstab soluzzjoni pero` dawn it-tentattivi kienu inutili ;*

*8. Illi permezz ta` korrispondenza datata tlettax (13) ta` Marzu elfejn u tnax (2012) u permezz ta` avviz fil-gazzetta lokali datat tletin (30) ta` April elfejn u tnax (2012) l-intimati avzaw lill-esponenti illi l-kumpannija ser tigi xolta ai termini ta` Artikolu 325(2) tal-Att dwar il-Kumpanniji ;*

*9. Illi l-esponenti wera bic-car permezz ta` ittra datata ghoxrin (20) ta` Gunju elfejn u tnax (2012), kommunikazzjoni bit-telephone u anke mar personalment fl-ufficcji tal-intimati, u dejjem baqa` kostanti u stqarr illi l-kumpannija Better Homes Limited ghadha topera u huwa ghan-nom tal-istess kumpannija kellu kull interess illi dina l-kumpannija tibqa` topera ;*

*10. Illi l-intimati naqsu li jiehdu l-passi opportuni u jiehdu azzjoni sabiex il-kumpannija Better Homes Limited (C 11070) ma tigix dikjarata defunta wara li kien hemm diversi kommunikazzjonijiet mill-esponenti li dina l-kumpannija kienet topera hekk kif ser jigi ppruvat mill-provi prodotti.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti toghgobha :*

*1. Tordna illi s-socjeta` Better Homes Limited C11070 terga` tigi rregistrata fir-Registru tal-Kumpanniji a tenur tal-artikolu 325(4) tal-Att tal-Kumpanniji, Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*2. Tawtorizza lill-esponenti sabiex jirregistra d-dokumenti kollha dovuti li ma setax jirregistra a kawza tal-agir tal-intimati.*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-multi nkorsi mill-esponenti a kawza tal-agir tal-intimati kif ukoll eventwali danni sofferti a kawza ta` tali agir, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fid-29 ta` Novembru 2013 li taqra hekk –

*Illi l-kumpannija Better Homes Ltd (C 11070) giet registrata fis-27 ta` Ottubru 1989 taht il-ligi in vigore dak iz-zmien specifikament l-Ordinanza Dwar Socjetajiet Kummercjali.*

*Illi r-rikorrent fil-punt numru 2 tar-rikors promotur qieghed jiddikjara illi prezentament huwa direttur u azzjonist uniku tal-kumpannija in kwistjoni meta ebda notifika preskritta mil-ligi ma ntbaghtet li turi tali tibdil. Din hija l-ewwel darba li r-Registratur sar jaf b`tali tibdil u dan bi pregudizzju wkoll ghal terzi persuni li m`ghandhom l-ebda gharfien tieghu billi l-ahhar dokument registrat mill-kumpannija in kwistjoni kien fl-1994.*

*Illi r-rikorrent qieghed jghid illi l-kumpannija Better Homes Ltd. (C 11070) tinsab defunct a kawza tal-agir tal-esponent. L-esponent jixtieq umilment jigbed l-attenzjoni ta` dina l-Onorabbli Qorti illi sal-gurnata tal-lum il-kumpannija in kwistjoni ghadha ma gietx regolarizzata taht l-Att dwar il-Kumpannija 1995. Dan minkejja illi skont l-artikolu 9 tad-dispozizzjonijiet transitorji u finali tal-Att, kull socjeta` kummercjali kellha l-obbligu li taghmel id-dokumenti tal-compliance sat-28 ta` Frar 1998.*

*Illi skont l-artikolu 14 tad-dispozizzjonijiet tal-istess Att kull socjeta` kummercjali, li tonqos milli taghmel tali tibdiliet mehtiega sal-1 ta` Marzu 1998, ghandha tehel penali ta` EUR 116.47 u ghal kull gurnata wara dik id-data li matula jkompli tali nuqqas ghal penali ulterjuri ta` EUR 4.66.*

*Illi l-artikolu 15 jispecifika illi sa dak iz-zmien illi l-istrument li jaghmel it-tibdiliet mehtiega sabiex il-kumpannija tigi regolarizzata taht l-Att jigi konsenjat lir-Registratur ghar-registrazzjoni u sa dak iz-zmien illi jithallsu xi penali li jistghu jigu dovuti bis-sahha tal-Artikolu 14, ir-Registratur m`ghandux izomm u jirregistra xi dokument li jkun mehtieg li jigi kkonsenjat lilu ghar-registrazzjoni hlief ghal xi ftit dokumenti kif specifikat.*

*Illi ghaldaqstant jidher kjarament illi d-dokumenti tal-compliance kienu mahsuba sabiex l-ufficjali ta` kull kumpannija kellhom jirregolarizzaw il-pozizzjoni tal-kumpannija billi jibghatu d-dokumenti tal-compliance sal-1 ta` Marzu 1998 u billi jhallsu l-penalitajiet kollha dovuti lir-Registratur. Dan tal-ahhar ha l-inkarigu biex igib in regola kull kumpannija li isimha kien jinsab fuq ir-Registru sabiex dawn jigu verament fil-prattika in compliance mal-Att dwar il-Kumpanniji minghajr pendenzi precedenti.*

*Illi l-kumpannija in kwistjoni naqset milli tibghat id-dokumenti tal-compliance fil-hin u milli thallas il-penalitajiet dovuti minnha lir-Registratur. Ghaldaqstant ir-Registratur baghat korrispondenza lill-kumpannija in kwistjoni biex igharrafha b`tali nuqqas u avza lill-ufficjali tal-kumpannija in kwistjoni illi sakemm il-kumpannija ma tigix xolta, tali kumpannija ma tistax topera u li qed tigi suggetta ghall-penali kollha preskritti mill-Att. Fl-ittra msemmija r-Registratur enfasizza l-fatt illi l-penalitajiet sejrin jibqghu jizdiedu sakemm jitranga tali nuqqas. Illi minkejja din il-korrispondenza l-kumpannija in kwistjoni u l-ufficjali taghha baqghu inadempjenti.*

*Illi fil-fatt il-kumpannija in kwistjoni baghtet notifika ta` trasferiment tal-ishma taht l-Att liema dokument gie gustament mibghut lura mill-esponent billi tali avviz ma setax jigi kkonsenjat jew registrat minhabba l-inadempjenza hawn fuq imsemmija. Wara ftit zmien, il-compliance ta` kumpannija in kwistjoni giet prezentata bla hlas. Dan wara kien gie ampjament spjegat lir-rikorrent illi tali dokumenti ma setghux jigu rregistrati jekk ma jithallsux il-penalitajiet dovuti lir-Registratur.*

*Illi jidher bic-car mid-dokument tal-compliance li gie prezentat mir-rikorrent stess bhala prova fil-proceduri odjerni illi ghalkemm id-dokument imsemmi ma giex accettat ghar-registrazzjoni, l-ufficjal tar-Registru xorta gibed l-attenzjoni tar-rikorrent ghal zbalji teknici li kien fih tali dokument u li kellhom jitrangaw qabel il-compliance setghet tigi registrata.*

*Illi mhuwiex gust li r-rikorrent baqa` jopera bil-kumpannija in kwistjoni meta kien hemm tant nuqqasijiet. Iktar minn hekk l-esponent ma jhossx illi kellu jkun hu li jibqa` jfakkar lir-rikorrent bin-nuqqasijiet imsemmija u bl-obbligi u d-dmirijiet legali tieghu.*

*Illi r-rikorrent fir-rikors tieghu jirreferi ghal tentattivi min-naha tieghu biex isib soluzzjoni. F`dan ir-rigward, l-intimat jixtieq jaghmilha cara illi l-bniedem li zgur kellu l-interess illi ssib soluzzjoni kien ir-rikorrent stess. Dan billi skont hu kien qieghed jaghmel tibdil fl-ufficjali tal-kumpannija minghajr ebda notifika lil hadd u minghajr qatt ma rregolarizza l-kumpannija mal-Att il-gdid. Ir-Registratur jixtieq jaghmilha cara illi d-dokumenti tal-compliance ntbaghtu lura ghall-korrezzjoni u qatt ma gew lura u li r-rikorrent li suppost kien qieghed jaghmel bosta tentattivi sabiex isib soluzzjoni ghall-kumpannija tieghu ma baghat l-ebda Annual Return jew Accounts jew ghamel xi tentattiv sabiex isir arrangament mar-*

*Registratur biex jithallsu l-penalitajiet dovuti minnu skont il-ligi.*

*Illi r-rikorrent jaf ben sew illi kuntratt quddiem nutar ta` trasferiment ta` ishma ma jikkostitwix notifika ta` trasferiment skont kif titlob il-ligi. Ir-Registratur qieghed jigi a konoxxenza ta` tali tibdil solament fil-proceduri odjerni meta dan suppost sar zmien ilu.*

*Illi r-Registratur jistenna minimament illi r-rikorrent jiehu azzjoni pozittiva u effettiva billi jibghat id-dokumentazzjoni mehtiega sabiex tigi regolarizzata l-pozizzjoni tal-kumpannija minghajr ebda dewmien. Huwa hekk biss illi l-esponent jista` jirregistra d-dokumenti li qatt ma gew ghand ir-Registratur in the first place jew qatt ma gew lura ghandu kkorreguti kif mehtieg. Ir-rikorrent ghandu wkoll jiehu hsieb illi jhallas il-penalitajiet kollha dovuti minnu lir-Registratur.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-verbali tal-udjenzi tad-19 ta` Novembru 2013 u tat-23 ta` Jannar 2014. In partikolari, fir-rigward tal-udjenza tal-ahhar, il-Qorti hadet nota tad-dikjarazzjoni li ghamlu l-partijiet flimkien fejn infurmaw lill-Qorti illi sehh kull ma kellu jigi regolarizzat fir-rigward tal-kumpannija Better Homes Limited, u ghalhekk kien dikjarat illi r-rikorrent ma kellux pendenzi ohra mal-intimat. In vista ta' dak l-izvilupp pozittiv li sehh fil-mori tad-differiment, id-difensur tal-intimat iddikjarat illi l-intimat ma kienx qieghed jopponi illi l-isem tal-kumpannija Better Homes Limited jerga' jidhol fir-registru.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-23 ta` Jannar 2014 fejn halliet il-kawza ghal provvediment ghal-lum stess.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Fl-ghoti tal-provvediment tal-lum, din il-Qorti sejra taghti piz ghall-fatt illi bejn l-ewwel u t-tieni appuntament tal-kawza, ir-rikorrent wera disponibilita` konkreta li jassikura tigi regolarizzata kwalsiasi pendenza li kien hemm mar-Registratur tal-Kumpanniji dwar il-kumpannija de qua **qabel** ma` l-Qorti tiddeciedi jekk takkordax inkella le t-talba tieghu kif dedotta fir-rikors promotorju. Fil-fatt ir-rikorrent iffinalizza l-pendenzi kollha tieghu **qabel** l-udjenza tat-23 ta` Jannar 2014 tant li l-intimat mhux jopponi li isem il-kumpannija de qua jidhol mill-gdid fir-registru.

Din il-Qorti trid tghid illi l-Art 325 tal-Kap.386 jirregola l-imgieba tar-Registratur tal-Kumpanniji f`sitwazzjonijiet fejn kollox ikun jindika li kumpannija tippersisti li tibqa` *non-compliant.*

**Meta l-Qorti qieset dak illi r-rikorrent allega dwar l-imgieba tal-intimat u qabblu mal-mod kif l-intimat wiegeb ghal dawk l-allegazzjonijiet, din il-Qorti mhux biss ma ssib propju xejn x`ticcensura fil-mod kif gab ruhu l-intimat izda qeghda ticcensura lir-rikorrent ghall-mod kif gab ruhu hu jew min kien qablu fid-direzzjoni tal-kumpannija de qua. Il-massima hi li l-“injoranza tal-ligi mhijiex skuza”. Kien jispetta unikament lir-rikorrent illi meta kiseb il-kontroll tal-kumpannija de qua jassikura (bil-parir u direzzjoni ta` persuni kompetenti) li kull virgola tal-ligi kienet qeghda tigi osservata, u mhux ighaddi kollox qisu qatt ma kien xejn.**

Is-subinciz (4) tal-Art 325 tal-Kap 386 huwa dak rilevanti biex jirregola s-sitwazzjoni li jipprezentaw il-fatti ta` din il-kawza.

Jaqra hekk –

*Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna ohra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni ta' l-avviz tat-thassir … tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru, tordna li dak l-isem jerga` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta' kopja ufficjali ta' l-ordni mir-Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar, u l-Qorti tista' bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista' jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih jghaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta u l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

**Fil-kaz tal-lum, mhuwiex kontestat illi r-rikorrent ghandu interess jippromwovi din l-istanza. Din il-Qorti hadet nota tal-fatt illi r-rikorrent kien pront u ha azzjoni skond l-Art 325(4) tal-Kap 386 wara l-pubblikazzjoni tal-avviz mir-Registratur. Din il-Qorti tghid illi tenut kont ta` kollox hija sodisfatta <u>li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru</u> – partikolarment meqjus il-fatt (mhux kontradett) illi l-kumpannija ghadha "attiva" u ma tistax titqies bhala *dead wood*. Hija hekk sodisfatta wkoll ghaliex kif kien rilevat fl-udjenza tat-23 ta` Jannar 2014 kull att jew pendenza li jirrigwarda l-kumpannija de qua kien**

**regolarizzat, tant illi l-intimat mhuwiex kontra li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.**

**Din il-Qorti tinsisti mar-rikorrent illi bil-fatt illi sejra tordna li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-Registru b`ebda mod ma ghandu jfisser illi l-ufficjali tal-kumpannija – huma min huma – ma qeghdin jinghataw xi *carte blanche* sabiex mill-ghada li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-Registru jkunu jistghu jaghmlu li jridu u jittraskuraw ghal kollox l-obbligi taghhom skond il-ligi. Ghaliex jekk dan jigri mill-gdid, minghajr l-ebda raguni valida, gustifikata jew li taghmel sens, din il-Qorti <u>certament</u> tahsibha xort`ohra u mhux sejra tonqos milli tezercita d-diskrezzjoni taghha diversament. *Del resto* il-Qorti trid taccerta ruhha li bil-fatt illi l-isem jerga` jidhol fir-Registru, il-kumpannija tkun qeghda tidhol lura fil-binarji tar-regolarita` u tal-legalita` minghajr ma jkun hemm ghalfejn li r-Registratur tal-Kumpanniji jkun kostrett jagixxi minhabba l-inadempjenzi taghha jew tal-ufficjali taghha.**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrent billi –**

**1) Riferibbilment ghall-ewwel talba, tordna li l-isem Better Homes Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C11070 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**2) Riferibbilment ghat-tieni talba, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba.**

**3) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, sa zmien sebat ijiem mil-lum, jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni, kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem Better Homes Limited li**

**kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C11070 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**4) Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, sa zmien sebat ijiem mid-data li fiha tkun konsenjata lilu mir-Registratur tal-Qrati kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem Better Homes Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C11070 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji, jippubblika avviz fil-Gazzetta tal-Gvern jew fuq *website* mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta fejn jghid illi l-isem tal-kumpannija Better Homes Limited (C11070) rega` dahal fir-registru.**

**5) Tordna lir-rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, kwalsiasi spejjez u drittijiet ulterjuri dovuti lir-Registratur tal-Kumpanniji, u kwalsiasi spiza ohra li tkun mehtiega sabiex l-isem tal-kumpannija Better Homes Limited (C11070) jerga` jidhol fir-Registru.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------